



2017/2254(INI)

26.4.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR)
(2017/2254(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Matt Carthy

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-approċċ "Saħħa Waħda" għandu l-għan li jżomm l-effettività tat-trattamenti tal-infezzjonijiet fil-bnedmin kif ukoll fl-annimali, biex jitnaqqsu t-tfaċċar u t-tixrid tar-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) u biex jissaħħu l-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' antimikrobiċi effikaċi ġodda fl-Unjoni u fil-bqija tad-dinja;
- B. billi r-reżistenza għall-antimikrobiċi toħloq theddida transkonfinali għas-saħħa, iżda s-sitwazzjoni tal-AMR tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor; billi l-Kummissjoni jeħtiġilha għalhekk tidentifika u taġixxi f'oqasma ta' valur miżjud Ewropew għoli fil-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat tal-Istati Membri, li huma responsabbli biex jiddeterminaw il-politiki tas-saħħa tagħhom;
- C. billi l-ambjent jista' jikkontribwixxi għat-tfaċċar u t-tixrid tal-AMR fl-annimali, b'mod partikolari minħabba flussi ta' skart mill-bnedmin, l-annimali u l-manifattura;

Jenfasizza li l-AMR hija kwistjoni tas-saħħa globali kritika li tirrikjedi impenn u rieda min-naħa tal-Istati Membri li jikkooperaw fi ħdan l-UE, u fil-livell internazzjonali, permezz ta' azzjonijiet proattivi u kkoordinati; jissottolinja l-importanza li jittieħed approċċ olistiku fl-indirizzar tal-AMR permezz tal-approċċ "Saħħa Waħda", billi tiġi żgurata azzjoni simultanja fil-livell globali bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent; jenfasizza, għalhekk, l-importanza li jkun hemm data armonizzata dwar l-użu tal-antimikrobiċi fis-settur tal-bhejjem; jikkonferma l-ħtieġa ta' dibattitu wiesa', fattwali u bbażat fuq ix-xjenza dwar is-suġġett;

2. Ifakkar il-Linji Gwida tad-WHO reċenti¹ dwar l-użu ta' antimikrobiċi medikament importanti fl-annimali li jipproduċu l-ikel, li jirrakkomandaw li l-bdiewa u l-industrija tal-ikel jieqfu jużaw l-antibijotiċi b'mod regolari biex jippromwovu t-tkabbir u jipprevjenu l-mard f'annimali b'saħħithom sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-AMR, u li jipproponu li l-użu tal-antibijotiċi bħala l-aħħar soluzzjoni jiġi pprojbit għalkollox fl-annimali;
3. Jissottolinja li l-użu ta' rutina ta' xi wħud mill-aktar antibijotiċi qawwija sar prattika komuni fil-biedja f'xi pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp;
4. Iqis li l-fehim tagħna tat-tixrid tal-AMR mill-annimali fl-azjendi agrikoli għall-bnedmin diġà huwa pjuttost sod u li dan ma ġiex rikonoxxut kif xieraq fil-Pjan ta' Azzjoni; jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni jitlob biss li ssir investigazzjoni ulterjuri u li jiġu indirizzati d-distakki fl-għarfien dwar il-kwistjoni, li possibbilment jista' jipposponi tali azzjoni tant meħtieġa;
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw approċċ ambizzjuż u proattiv

¹ WHO guidelines on use of medically important antimicrobials in food-producing animals (Linji gwida tad-WHO dwar l-użu ta' antimikrobiċi medikament importanti fl-annimali li jipproduċu l-ikel), ISBN 978-92-4-155013-0.

biex jiżguraw li l-miri stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni rispettivi tagħhom jinkisbu b'mod sħiħ u effettiv u li r-riżultati jiġu mmonitorjati strettament; jitlob ukoll li jiġu stabbiliti miri (kwantitattivi jew kwalitattivi ddefiniti b'mod ċar), punti ta' riferiment u miżuri effettivi li jistgħu jitkejlu sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet meta jitfasslu l-Pjanijiet ta' Azzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżvilupp, il-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra l-AMR, speċifikament fir-rigward ta' sistemi ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza, u inklużi inċentivi u appoġġ adegwati;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddistingwu bejn il-bhejjem u l-annimali domestiċi, b'mod partikolari fit-tfassil tal-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-użu tal-antimikrobiċi, u fit-tfassil ta' miżuri li jindirizzaw l-użu tagħhom;
7. Jenfasizza li monitoraġġ komprensiv tal-antibijotiċi fil-biedja ġie żviluppat f'kooperazzjoni mal-veterinarji, li b'mod komprensiv jiddokumenta l-użu tal-antibijotiċi u jkompli jtejjeb l-applikazzjoni tagħhom; jiddispijaċih li s'issa ma hemm l-ebda sistema komparabbli b'rabta mal-mediċina umana;
8. Jitlob li jinstabu soluzzjonijiet regolatorji ġodda (leġiżlazzjoni bażika, leġiżlazzjoni sekondarja jew linji gwida tal-UE) li jassistu lill-bdiewa jnaqqsu l-użu tal-antibijotiċi fit-trobbija tal-bhejjem, bil-għan li jkun hemm użu prudenti u responsabbli tal-prodotti mediċinali veterinarji; jinsisti li tali soluzzjonijiet leġiżlattivi, inkluż ix-xogħol kontinwu u interrelatat fuq il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE (COM(2014)0556), u l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji (COM(2014)0558), iridu jindirizzaw l-użu profilattiku u jiżguraw li l-użu metafilattiku tal-antimikrobiċi jkun permess biss f'każijiet eċċezzjonali ħafna; jenfasizza l-ħtieġa li l-piż amministrattiv fuq il-bdiewa jinżamm għall-minimu;
9. Jitlob li t-tnaqqis fl-użu tal-antibijotiċi jkun objettiv mhux biss fit-trobbija tal-bhejjem, iżda wkoll fil-korp kollu tal-mediċina veterinarja u umana; jissottolinja li, filwaqt li jitqies il-parir xjentifiku tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u ta' aġenziji tal-UE rilevanti oħra, waħda mill-miri stabbiliti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni kollha tal-Istati Membri jenħtieġ li tkun li l-antimikrobiċi kritikament importanti, kif identifikati mid-WHO, jiġu riżervati esklussivament għall-użu mill-bniedem; huwa tal-fehma, għalhekk, li l-UE jenħtieġ li tipprojbixxi l-użu veterinarju tal-antibijotiċi li huma kritikament importanti għall-mediċina tal-bniedem; jilqa' l-inizjattiva ta' diversi Stati Membri li jipprojbixxu l-użu tal-antibijotiċi bħala "l-aħħar soluzzjoni", li normalment jintużaw għal trattamenti tal-bniedem, fl-annimali tar-razzett;
10. Ifakkar li l-ikel huwa wieħed mill-vetturi possibbli għat-trażmissjoni ta' batterji reżistenti mill-annimali għall-bnedmin, u, barra minn hekk, li l-batterji reżistenti għall-mediċina jistgħu jiċċirkolaw f'popolazzjonijiet tal-bnedmin u tal-annimali permezz tal-ilma u l-ambjent; jinnota r-riskji ta' infezzjoni b'organiżmi reżistenti minn għelejjel ikkontaminati ttrattati b'aġenti antimikrobiċi jew b'demel, u ilma ġieri tal-irziezet fl-ilma ta' taħt l-art; jinnota, f'dan il-kuntest, li t-tixrid ta' tali batterji huwa influwenzat mill-kummerċ, mill-ivvjaġġar u mill-migrazzjoni tal-bnedmin kif ukoll tal-annimali;

11. Jemmen li, sabiex jiġi ffaċilitat l-użu responsabbli tal-antimikrobiċi, hemm hteġa imperattiva għal dijanjostika veterinarja rapida, affidabbli u effikaċi, kemm biex tiġi identifikata l-kawża tal-marda kif ukoll biex jitwettqu testijiet tas-sensittività għall-antibijotiċi; huwa tal-fehma li dan jiffaċilita dijanjożi korretta, jippermetti użu mmirat tal-antimikrobiċi, jappoġġja l-użu mill-inqas possibbli ta' antimikrobiċi kritikament importanti u, għalhekk, jimpedixxi l-iżvilupp tal-AMR;
12. Jappoġġja, bħala minimu, it-tweġiba tal-Kunsill għall-abbozz tal-Kodiċi ta' Prattika Codex Alimentarius biex titnaqqas u tiġi kkontrollata r-reżistenza antimikrobika, u l-prinċipji 18 u 19 tiegħu dwar l-użu responsabbli u prudenti tal-antimikrobiċi;
13. Ifakkar li l-kwalità ħażina tal-prodotti mediċi u veterinarji b'konċentrazzjonijiet baxxi ta' ingredjenti attivi u/jew l-użu fit-tul tagħhom, tħeġġeġ it-tfaċċar tal-mikrobi reżistenti; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejb u jfasslu liġijiet li jiżguraw li l-mediċini huma ta' kwalità assigurata, sikura u effettiva, u li l-użu tagħhom isegwi prinċipji stretti;
14. Jitlob li jsiru aktar riċerka u żvilupp f'antimikrobiċi ġodda jew f'alternattivi ġodda sabiex tissaħħaħ id-difiża naturali fi stadju bikri u waqt il-fażijiet kritiċi tal-biedja; jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni globali mal-partijiet ikkonċernati kollha sabiex titħeġġeġ ir-riċerka f'antibijotiċi ġodda u alternattivi relatati; ikompli jħeġġeġ biex jiġu investigati alternattivi oħra, inklużi alternattivi kosteffikaċi, abbażi tal-iżvilupp ta' biedja aktar sostenibbli u aktar favur l-annimali; jinnota li meta l-annimali jinżammu f'kundizzjonijiet limitati u ħżiena jintużaw volumi sinifikanti ta' antibijotiċi; jinnota li r-riċerka turi li l-annimali f'mudelli ta' biedja inqas intensiva jesperjenzaw inqas stress, jiġifieri bħala riżultat is-sistemi immunitarji tagħhom jiġu affettwati inqas;
15. Jenfasizza li t-tixrid tal-antimikrobiċi u l-AMR konsegwenti fl-ambjent huwa wkoll tħassib li qed jikber, u jirrikjedi aktar riċerka; jenfasizza b'mod partikolari l-hteġa urġenti ta' riċerka fil-fond dwar l-impatt ta' sustanzi antimikrobiċi fl-għelejjel għall-ikel u fl-għalf tal-annimali fuq il-komunitajiet mikrobjali fil-ħamrija u fl-ekosistemi akkwatiċi, kif ukoll fir-rimi ta' demel likwidu u ilma mormi;
16. Jemmen li, sabiex titħeġġeġ ir-riċerka f'antimikrobiċi ġodda, huma meħtieġa inċentivi, inklużi perjodi itwal ta' protezzjoni għal dokumentazzjoni teknika dwar mediċini ġodda, protezzjoni kummerċjali ta' sustanzi attivi innovattivi, u protezzjoni għal investimenti sinifikanti fid-data ġġenerata biex jittejjeb prodott antimikrobiku eżistenti jew biex jinżamm fis-suq;
17. Jenfasizza, għalhekk, li l-qafas għall-innovazzjoni attwali ma jħeġġiġx ir-R&Ż fl-AMR b'mod effettiv, u jitlob l-aġġustament u l-armonizzazzjoni tas-sistema tal-proprjetà intellettwali fil-livell Ewropew, b'mod partikolari sabiex ikun hemm tlaqqiġ aħjar tad-durata tal-protezzjoni mal-perjodu mitlub għall-mediċina innovattiva inkwistjoni;
18. Jenfasizza r-rwol li s-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jista' jkollhom fil-promozzjoni ta' Prattiki għall-ġestjoni tal-azjendi agrikoli sostenibbli;
19. Jenfasizza l-importanza ta' valutazzjoni tar-riskju ambjentali effettiva fil-proċess ta' approvazzjonijiet għal mediċini veterinarji ġodda u eżistenti bi proprjetajiet

antimikrobiċi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-punti ta' tmiem ta' sustanzi antimikrobiċi fl-ambjent usa';

20. Jenfasizza l-valur ta' soluzzjonijiet preventivi, b'hat-tilqim fil-ġlieda kontra l-AMR; jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra l-AMR josserva li l-immunizzazzjoni permezz tat-tilqim hija intervent fil-qasam tas-saħħa kosteffikaċi fl-isforzi biex tiġi miġġielda l-AMR; jirrakkomanda l-integrazzjoni ta' miri għal tilqim tul il-ħajja bħala element li għandu jiġi inkluż fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali veterinarji dwar l-AMR;
21. Jinnota li, fid-dawl tal-effettività mnaqqsa ta' ċerti antibijotiċi, testijiet dijanjostiċi rapidi jistgħu jassistu lill-professjonisti fil-kura medika fil-provvista ta' għażliet ta' trattament immirati u effettivi bħala alternattiva vijabbli għall-użu tal-antibijotiċi fil-bnedmin;
22. Jemmen li r-rekwiżiti biex jiġi żgurat li t-tikkettar jagħmel referenza għall-użu tal-antibijotiċi jtejbu l-għarfien tal-konsumatur u jgħinu biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażla aktar infurmata; jinnota li l-fatt li l-prodotti jkunu ttikkettati bħala "mingħajr antibijotiċi" jista' jħeġġeġ ukoll lill-bdiewa sabiex ma jagħtux trattament bl-antibijotiċi meta annimal jista' jkollu bżonnu, minħabba l-fatt li dawn jibzġu mill-kost ekonomiku jekk ma jkunux jistgħu jbigħu l-laħam;
23. Jenfasizza li l-prevenzjoni tal-mard trid tkun l-ewwel pass għal-leġislazzjoni u proposti oħra fl-indirizzar tal-AMR fl-agrikoltura, kemm biex jiġi żgurat standard għoli tal-benessri tal-annimali kif ukoll biex titnaqqas il-ħtieġa tal-użu tal-antibijotiċi; jenfasizza li s-settur tat-trobbija tal-bhejjem jenħtieġ li jibqa' jiffoka fuq il-prevenzjoni tal-mard u l-benessri tal-annimali permezz ta' iġjene tajba, akkomodazzjoni, trobbija tal-annimali u miżuri tal-bijosigurtà stretti; jitlob li l-antibijotiċi jenħtieġ li qatt ma jintużaw biex ipattu għal iġjene ħażina jew trobbija inadegwata tal-annimali; jissottolinja l-importanza tal-iskambji tal-aħjar Prattika bejn l-Istati Membri u l-koordinazzjoni ta' tali skambji min-naħa tal-Kummissjoni;
24. Ifakkar il-miżuri preventivi li għandhom jintużaw qabel ma wieħed jirrikorri għal trattament antimikrobiku ta' gruppi sħaħ (metafilassi) ta' annimali li jipproduċu l-ikel:
 - użu ta' stokk ta' trobbija b'saħħtu u tajjeb li jikber b'mod naturali, b'diversità ġenetika xierqa;
 - kundizzjonijiet li jirrispettaw il-ħtiġijiet ta' mġiba tal-ispeċijiet, inklużi interazzjonijiet u ġerarkiji soċjali,
 - densitajiet tal-istokkijiet li ma jżidux ir-riskju ta' trażmissjoni ta' mard,
 - iżolament tal-annimali morda 'l bogħod mill-bqija tal-grupp,
 - (għat-tiġieġ u annimali iżgħar) suddivizzjoni tal-qatgħat fi gruppi iżgħar u separati fiżikament,
 - implimentazzjoni ta' regoli eżistenti dwar il-benessri tal-annimali diġà f'kundizzjonalità kif stabbilit fir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (SMRs) 11, 12, 13

25. Jemmen li jrid jitħeġġeġ finanzjament adegwat għal investimenti fl-azjendi agrikoli, bħal f'akkomodazzjoni ta' kwalità, ventilazzjoni, tindif, diżinfettant, tilqim u bijosigurtà u jenħtieġ li dan ma jiġix imminat fil-PAK futura; jenfasizza li miżuri sanitarji, iġjeniċi u ta' prevenzjoni tal-infezzjonijiet effettivi jgħinu biex inaqqsu t-teħid tal-infezzjoni; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' sensibilizzazzjoni fost il-membri tal-komunità agrikola tal-benessri tal-annimali, tas-saħħa tal-annimali u tas-sikurezza tal-ikel; jinnota l-importanza li jiġu promossi u applikati Prattiki tajba fl-istadji kollha tal-produzzjoni u tal-ipproċessar tal-prodotti tal-ikel;
26. Jinnota li xi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jkollhom ukoll proprjetajiet antimikrobiċi, li jaffettwaw it-tixrid tal-AMR; jitlob li ssir aktar riċerka dwar ir-rabta possibbli bejn l-esponiment għal formulazzjonijiet kummerċjali tal-pestiċidi u reżistenza antimikrobika żviluppata;
27. Jenfasizza li l-istudji jissuggerixxu² li l-esponiment għall-erbiċidi u għall-formulazzjonijiet kummerċjali tagħhom f'konċentrazzjonijiet komparabbli ma' dawk assoċjati mar-rati ta' applikazzjoni tipiċi fuq art agrikola jista' jiżviluppa tolleranza għall-antibijotiċi fil-batterji patoġeniċi;
28. Jirrikonoxxi li l-erbiċidi jiġu ttestjati b'mod regolari għat-tossiċità iżda mhux għal effetti subletali fuq il-mikrobi, u jenfasizza, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, ir-rilevanza tal-għoti ta' kunsiderazzjoni biex tali testijiet jitwettqu b'mod regolari;
29. Jipproponi li kwalunkwe awtorizzazzjoni ta' ghelejjet ġenetikament modifikati reżistenti għall-erbiċidi (li allegatament jiġu ttrattati b'erbiċida li jkunu tolleranti għaliha) tqis bis-siħ il-prinċipju ta' prekawzjoni fir-rigward tal-indikazzjoni tar-rabta eżistenti bejn l-użu tal-erbiċidi u r-reżistenza għall-antimikrobiċi, u li sabiex kwalunkwe awtorizzazzjoni bħal din tkun tista' tingħata għandu jkun hemm evidenza xjentifika konklużiva li tali riskju jista' jiġi eskluż;
30. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi restrizzjonijiet fuq it-trasport ta' annimali ħajjin minn żoni fejn ikunu ġew identifikati karatteristiċi ta' batterji reżistenti għall-antimikrobiċi mis-sistema ta' monitoraġġ attwali;
31. Jenfasizza li l-AMR hija problema multifattoralji, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu kooperazzjoni bejn il-veterinarji, il-partijiet ikkonċernati tas-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, ĠU L 347.20.12.2013, p.549), li japplika r-regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23); Direttiva tal-Kunsill 91/630/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 33); Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-ġoġġela (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28).

² Kurenbach, B. et al., *mBio*, Vol. 6, Nru 2, 2015: "Sublethal Exposure to Commercial Formulations of the Herbicides Dicamba, 2,4-Dichlorophenoxyacetic Acid, and Glyphosate Cause Changes in Antibiotic Susceptibility in *Escherichia coli* and *Salmonella enterica* serovar Typhimurium" (L-Esponiment Subletali għal Formulazzjonijiet Kummerċjali tal-Erbiċidi Dikamba, Aċidu 2,4-Diklorofenossiaċetiku u Glifosat Jikkawża Bidliet fis-Suxxettibbiltà għall-Antibijotiċi f'*Escherichia coli* u *Salmonella enterica* serovar Typhimurium).

settur agrikolu u professjonisti tas-saħħa oħra fil-ġlieda kontra l-AMR; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni, tal-programmi ta' taħriġ u tal-kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika abbażi tal-iżviluppi xjentifiċi l-aktar reċenti sabiex iwissu lill-bdiewa, lill-veterinarji, lill-professjonisti, lil dawk li jżommu l-annimali domestiċi, u lil dawk kollha involuti fit-trobbija tal-bhejjem dwar il-perikli tal-AMR; jitlob li jkun disponibbli finanzjament sabiex tinholq sensibilizzazzjoni dwar l-AMR u l-użu prudenti tal-antimikrobiċi fil-mediċina veterinarja għall-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra involuti fit-trobbija tal-bhejjem sabiex huma jkunu jistgħu jużaw l-antimikrobiċi biss meta jkun meħtieġ u mhux sistematikament b'mod preventiv; jenfasizza l-għarfien espert importanti li għandhom il-prattikanti veterinarji, li jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni dwar l-AMR;

32. Jinnota li l-eżistenza ta' korrelazzjoni bejn ir-reżistenza għall-antibijotiċi li tinsab fost l-annimali li jipproduċu l-ikel (eż. it-tiġieġ tas-simna) u proporzjon kbir ta' infezzjonijiet batterjali fil-bnedmin, li ġejjin mill-manipulazzjoni, il-preparazzjoni u l-konsum tal-laħam ta' dawn l-annimali, ġiet ikkonfermata wkoll mill-Aġenzija tal-UE¹;
33. Jenfasizza li r-riċerka turi li l-interventi li jirrestrinġu l-użu tal-antibijotiċi fl-annimali li jipproduċu l-ikel huma assoċjati ma' tnaqqis fil-preżenza ta' batterji reżistenti għall-antibijotiċi f'dawn l-annimali²;
34. Jissottolinja l-ħtieġa li tinbidel il-kultura tan-negozju użata minn xi produttori ta' mediċini veterinarji u li jkun hemm involviment sħiħ mal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-produttori ta' mediċini veterinarji, sabiex jithegħeġ u jiġi promoss l-użu responsabbli tal-antibijotiċi jew alternattivi għall-antimikrobiċi (bħal probijotiċi jew tilqim) fit-trobbija tal-bhejjem; jenfasizza wkoll li l-prattikanti veterinarji jenħtieġ li ma jirċevux inċentivi biex jippreskrivu, jipromwovu u jfornu ċerta mediċina; jenfasizza li l-istat ta' preskrizzjoni biss għall-antibijotiċi u r-responsabbiltà tal-professjonisti fid-diversi setturi, kif ukoll kooperazzjoni bejn il-veterinarji u l-bdiewa li jrabbu l-bhejjem, huma fatturi ewlenin għas-suċċess;
35. Jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni tiżviluppa regoli għall-monitoraġġ armonizzat tal-bejgħ u l-konsum ta' antimikrobiċi veterinarji fl-annimali domestiċi kollha, u li tobbliga lill-Istati Membri jirrapportaw data rilevanti u komparabbli dwar il-bejgħ u l-konsum tal-mediċini veterinarji antimikrobiċi, lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), sabiex ikun jista' jsir tqabbil bejn pajjiż u ieħor u sabiex jiġu identifikati l-aħjar Prattiki fil-livell nazzjonali; iqis li jenħtieġ li jitwettqu revżjonijiet regolari biex tiġi vverifikata l-effikaċja; jenfasizza l-ħtieġa li jitqies l-indirizzar tal-bejgħ illegali tal-antimikrobiċi u li tiżdied s-sensibilizzazzjoni dwar l-implikazzjonijiet ta' din il-kwistjoni għas-saħħa pubblika;
36. Jenfasizza s-sinerġija meħtieġa bejn l-approċċ "Saħħa Waħda" u d-data minn monitoraġġ ambjentali eżistenti, b'mod partikolari l-monitoraġġ tal-Lista ta' Sorveljanza skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, sabiex jittejjeb l-għarfien dwar l-okkorrenza u t-tixrid ta' antimikrobiċi fl-ambjent;

¹ Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: <https://ecdc.europa.eu/sites/portal/files/media/en/publications/Publications/antimicrobial-resistance-zoonotic-bacteria-humans-animals-food-EU-summary-report-2014.pdf>

² [http://www.thelancet.com/pdfs/journals/lanplh/PIIS2542-5196\(17\)30141-9pdf](http://www.thelancet.com/pdfs/journals/lanplh/PIIS2542-5196(17)30141-9pdf)

37. Jenfasizza li l-użu tal-antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir fl-annimali li jipproduċu l-ikel ġie pprojbit fl-UE sa mill-2006; jistieden lill-Kummissjoni tinforza din il-projbizzjoni bħala kondizzjonalità fuq l-importazzjonijiet tal-ikel kollha minn pajjiżi terzi permezz tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi; jitlob ukoll li din il-projbizzjoni tiġi estiża u trasposta fil-korp kollu tal-liġi internazzjonali li jista' jikkonċerna l-użu tal-antibijotiċi fl-annimali (fil-Codex Alimentarius, id-WHO, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO), eċċ.); jistieden ukoll lill-Kummissjoni tħeġġeġ lis-sħab sabiex jallinjaw l-oġettivi tal-AMR tagħhom u jadottaw soluzzjonijiet tal-aħjar prattika użati fl-UE fit-territorji tagħhom, inkluż bl-użu ta' klawżoli ta' reċiproċità fi ftehimiet kummerċjali;
38. Jistieden lill-awtoritajiet tas-saħħa biex iwettqu verifiki komprensivi sabiex jiġi evitat l-użu illegali tagħhom fl-Unjoni Ewropea;
39. Jiddikjara li fi kwalunkwe ftehim kummerċjali fil-futur mar-Renju Unit wara l-Brexit, din il-kwistjoni trid tiġi indirizzata u trid issir kundizzjoni tal-ftehim li kwalunkwe żvilupp ulterjuri fl-azzjoni tal-UE kontra l-AMR għandu jkun segwit mir-Renju Unit sabiex jiġu protetti l-konsumaturi u l-ħaddiema kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit;
40. Jinnota li l-bhejjem li jitrabbew għall-ikel fl-Istati Uniti jingħataw doża ta' mediċina antibijotika ħames darbiet aktar milli jingħataw l-annimali tar-razzett fir-Renju Unit; jenfasizza, għalhekk, l-importanza tal-kontrolli tal-importazzjonijiet tal-laħam fl-UE;
41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqajmu kwistjonijiet relatati mal-AMR fl-oġhla livell politiku, inkluż fin-NU rilevanti kollha u fora intenazzjonali oħra, bil-għan li jintlaħqu riżultati ambizzjużi; jenfasizza li l-kooperazzjoni internazzjonali li tinvolvi l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-għarfien u l-aħjar prattiki biex tiġi indirizzata l-AMR hija kruċjali fil-kuntest tal-approċċ "Saħħa Waħda" għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali b'mod globali, u li azzjoni deċiżiva u leġiżlazzjoni komprensiva jridu jiżguraw il-bilanċ bejn is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent; jilqa' l-istabbiliment tan-Netwerk "Saħħa Waħda" tal-AMR li għandu l-għan li jiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' prattiki tajba bejn is-setturi tas-saħħa tal-bniedem u veterinarja tal-Istati Membri, li jippermetti l-kondiviżjoni ta' ideat innovattivi u ż-żieda fl-isforzi nazzjonali sabiex tiġi indirizzata l-AMR;
42. Jirreferi għall-Pjan ta' Azzjoni Globali dwar ir-Reżistenza Antimikrobika, approvat mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa fit-68 Assemblea Dinjija tas-Saħħa f'Mejju 2015, sabiex tiġi indirizzata r-reżistenza antimikrobika, inkluża r-reżistenza antibijotika (WHA68/2015/REC/1, Anness 3);
43. Jitlob li jitwettqu verifiki komprensivi fuq il-produtturi tal-antibijotiċi sabiex il-perjodi ta' rtirar jiġu adattati għar-realtà, sabiex jiġi żgurat li l-ebda antibijotiku ma jkun preżenti fil-prodotti tal-ikel;
44. Jinnota li b'mod ġenerali, il-ġeni reżistenti għall-antibijotiċi jinstabu fl-ambjent – fil-ħamrija, fl-ilma u fis-sedimenti; jenfasizza li l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi huma sors ewlieni ta' ġeni reżistenti għall-antibijotiċi fl-ambjent, bl-antibijotiċi jintremew mid-djar, mill-isptarijiet u mill-industrija; jitlob li jsir monitoraġġ sistematiku tal-antibijotiċi u tal-ġeni reżistenti għall-antibijotiċi fl-impjanti tat-trattament tal-ilma

mormi, u li jkun hemm aktar investiment fis-sistemi ta' filtrazzjoni;

45. Jenfasizza li l-biedja ta' densità għolja tista' tinvolvi antibijotiċi li qegħdin jingħataw b'mod mhux xieraq u b'mod regolari bħala għalf lill-bhejjem u lit-tjur fl-irziezet biex jikbru malajr u li qegħdin jintużaw b'mod mifrux għal skopijiet profilattiċi, biex jipprevjenu l-firxa ta' mard minħabba kundizzjonijiet ta' ffullar, konfinament u stress li fihom jinżammu l-annimali u li jinibixxu s-sistema immunitarja tagħhom, u biex jikkumpensaw għall-kundizzjonijiet mhux sanitarji fejn qed jitrabbew;
46. Jenfasizza li r-referenza għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u l-Opinjoni Xjentifika Konġunta tal-EFSA dwar miżuri biex titnaqqas il-ħtieġa tal-użu ta' aġenti antimikrobiċi fit-trobbija tal-annimali fl-Unjoni Ewropea, u l-impatti li jirriżultaw fuq is-sikurezza tal-ikel (RONAFA)¹, għalf sikur u bilanċjat mill-aspett nutrizzjonali huma miżuri preventivi effettivi li jgħinu lill-annimali jlaħħqu mal-patoġeni billi jtejbu l-istatus tas-saħħa u tal-benessri tal-annimali b'mod ġenerali permezz ta' strateġiji tal-għalf, kompożizzjoni tal-għalf, formulazzjonijiet tal-għalf jew ipproċessar tal-għalf speċifiċi;
47. Jitlob li jiġi promoss u msaħħaħ u ssir tranżizzjoni għal mod ta' produzzjoni bbażat fuq l-agroekoloġija;
48. Jenfasizza li, mingħajr azzjoni armonizzata u immedjata fuq skala globali, id-dinja qiegħda timxi lejn era ta' wara l-antibijotiċi li fiha infezzjonijiet komuni għal darb'oħra jistgħu jikkawżaw mewt.

¹ <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4666>

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.4.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Eric Andrieu, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Jacques Colombier, Michel Dantin, Paolo De Castro, Jean-Paul Denanot, Albert Deß, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Esther Herranz García, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, Maria Noichl, Stanisław Ożóg, Laurentiu Rebega, Bronis Ropè, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Tibor Szanyi, Marc Tarabella, Maria Gabriela Zoană, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Bas Belder, Franc Bogovič, Jens Gieseke, Karin Kadenbach, Elsi Katainen, Momchil Nekov, Ivari Padar, Tom Vandenkendelaere, Thomas Waitz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

40	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Elsi Katainen, Ulrike Müller
ECR	Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, Stanisław Ożóg, Laurențiu Rebegea
EFDD	Giulia Moi, Marco Zullo
ENF	Jacques Colombier, Philippe Loiseau
GUE/NGL	Matt Carthy, Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez
PPE	Franc Bogovič, Daniel Buda, Michel Dantin, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Jens Gieseke, Esther Herranz García, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Czesław Adam Siekierski, Tom Vandenkendelaere
S&D	Eric Andrieu, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Karin Kadenbach, Momchil Nekov, Maria Noichl, Ivari Padar, Tibor Szanyi, Marc Tarabella, Maria Gabriela Zoană
VERTS/ALE	Martin Häusling, Bronis Ropė, Thomas Waitz

0	
----------	--

0	0
----------	----------

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni